# HENA U ĠID

Setgħu kienu snin oħra, imma għall-ġrajja tagħna nagħżlu l-1580 u l-1581.

Mela fl-aħħar lejl ta' l-1580, din is-sena ltaqgħet ma' ta' warajha:

"U hekk oħt! Inti donnok wasalt kmieni"; qalet is-sena l-qadima lis-sena l-ġdida.

"Jaqaw ma tixtieqx tħalli d-dinja?" wieġbet is-sena 1581.

"U kemm, u kemm! X'hawn fid-dinja li jiġbidni? Għilt, ġlied, imrâr, għira! Nagħdrek oħt, għax ma għaddejtx tnax-il xahar mal-bnedmin bħali".

"Imħatra ma mortx tajjeb magħhom!"

"Min jista' jifhimhom?"

"Tihom il-ġid".

"Igergru".

"Tihom ix-xogħol".

"Igergru".

"Tihom il-għerf".

"Igergru".

"Mela henjin qatt".

"Qatt fid-dinja".

"Milli nara xjieħt mal-bnedmin u għadek ma fhimthomx"; qalet imżatta s-sena l-ġdida". "Min għalija naf kif għandi nagħmilhom henjin".

"Kif?".

"Intihom il-ġid",

"Lê oħt, jaħasra! jekk trid thenni l-bnedmin tagħmilx dan. Fit-366 jum li domt magħhom tgħallimt li l-ġid, fl-aħħar minn l-aħħar, ma jagħmilx ħlief ikabbar il-hemm ta' qalbhom".

"Jiena ngħid li l-ġid iġib il-hena".

"U jiena ngħidlek li jġib l-imrar".

"Kif tista' tgħidu dan?"

"Naf tifel fqir", qalet is-sena l-qadima, "m'għandux biex jixtri felu ħalli jmur il-belt fuqu; imma qalbu dejjem hienja u xfar għajnejh qatt ma xxarrbu bid-dmugħ tal-hemm".

"Jiena ngħid" wieġbet is-sena l-ġdida; "li bil-ġid inkattarlu l-hena tiegħu".

"Jaħasra ma tagħmilx ħlief tbiddillu l-hena fi mrar".

"Tridx naraw min minna għandu raġun?"

"Imxi".

Din it-taħdida bejn is-snin saret fid-dinja ta' hemm fuq; imma f'tebqa ta' għajn waslu hawn isfel fid-dinja tagħna.

* * *

Katald kien żagħżugħ bin ir-raba', ta' xi 16-il sena, mibrum, b'saffejn, fuq ruħu, wiċċu għad-dawl, merfugħ fuq qaddu, bi spallejh wiesgħa, sidru miftuħ, wiċċu aħmar maħruq bix-xemx, għajnejh żoroq, ħfief daqs vleġġa u kollhom ħajja, bil-hena ta' qalbu tiddi fuq ħbub għajnejh, u fommu dejjem daħkani.

Qatt ma kellu x-xorti li jħoss xufftejn ommu jfaqqgħu bewsa fuq ħaddejh, jew idejn missieru jmelsulu rasu. Kien

iltim: missieru kien suldat u ħalla ħajtu għal ġieh art twelidu, u ommu ġiet mirduma taħt il-braġ ta' dar imwaqqgħa minn balla tal-għadu. Naqra ta' tarbija bil-kemm ta' sena, safa ltim; imma Pawlu, suldat ieħor ħabib ta' missieru, armel u minngħajr tfal, ġabru miegħu, u wara li għadda dak iż-żmien ikrah ta' tqabid qalil, ħadu miegħu fir-razzett.

Għalhekk Katald trabba qalb il-ħdura ta' l-egħlieqi mbiegħed mill-hemm u l-għagħa tal-belt. Pawlu kien qisu missieru, u ħbiebu l-agħsafar ta' l-ajru u n-ngħaġ li kien jirgħa minn fil-għodu sa fil-għaxija.

Ma kellu xejn mid-dinja, u qatt ma tgħallem għerf; biss sar jaf il fis-sajf aħjar jieħu n-ngħaġ tiegħu fxi witja jew fil-widien fejn aktar isibu jintlew bil-ħdura u jitbaħbħu fl-ilma ġieri; iżda fix-xitwa kien ifittex wara xi għolja, jew xi bûr taħt is-siġar, biex jistkenn mix-xita u r-rwiefen. Qalbu kienet safja u tal-ħelu, kien iħobb in-nagħġiet bħal ħutu, imma fosthom kien hemm waħda li għaliha kien jinxteħet qalb in-nar. Kienet għabura, il-ġmiel tagħha, bajda daqs il-ħalib li jigeżż minn ħobbha, u Pawlu kien qallu li meta kien għadu żgħir, dik in-nagħġa kienet rabbietu b'ħalibha. Tistgħu taħsbu kemm kien iġibha 'l dik in-nagħġa u hi minn għaliha kienet tħobbu daqs il-ħaruf tagħha: dejjem ma' saqajh, minn ma' dwaru le titbiegħed; kieku qatt kienet tmur tixxabbat mal-għolja, jew taqbeż minn blata għal oħra bħal sħabha! Dejjem ħdejh: minn ħdejh ma tiċċaqlaqx.

U meta kien jixba' jħares lejn il-għasafar igħannu jew iġorru t-tiben għall-bejta tagħhom, jew lejn il-gremxûl jilaq ix-xemx, iż-żagħżugħ kien jinxteħet għad-dell ta' xi siġra kollha fwieħa, f'xifer in-nixxiegħa u jfawwar il-hena ta' qalbu b'daqq ħelu fuq il-flejguta; u dak id-daqq kien donnu daqq tal-ġenna, u l-widien kienu jqumu mis-skiet tagħhom u jidwu d-daqq tiegħu, u l-għasafar iħallu l-bejta u jittajru għal ma' dwaru, u n-nagħġa ta' qalbu kienet tinxteħet kobba f'riġlejh u għajnejha ma taqlagħhomx minn għajnejh!

Imma darba qalbu ħasset l-imrar tal-ħajja: f'għodwa imċajpra u kollha reżħa, meta daħal fil-maqjel biex joħroġ in-ngħaġ tiegħu, isib in-nagħġa għażiża ta' qalbu, maqluba fuq ġenb wieħed, u kiesħa u jiebsa. Jaħasra bkieha bil-ħrara ta' qalbu kollha, u xarrab sufha bid-dmugħ safi ta' għajnejh; inbagħad Pawlu sabbru, u t-tfajjel soloħ in-nagħ-ġa mejta u'l ġisimha difnu f'roqgħa fejn l-aktar li kien jinbet ward sabiħ, imma 'l ġilda tagħha qaddidha u kkunzaha, inbagħad ħietha, waħħal il-flejguta minn banda u mserka

minn oħra, u għamel żaqq biex fuqha jdoqq il-ferħ jew id-dwejjaq ta' qalbu.

U f'lejla sabiħa li tgħaxxak, qabad iċ-ċirimella u mar iħtasab fuq il qabar ta' ħabibtu n-nagħġa, nefaħ tajjeb, ġild in-nagħġa mtela bħal meta kienet ħajja, u beda jdoqq. U x'daqq! Stajjilhom ġew l-anġli jdoqqu ma' dwaru: għana ta' tfajliet, tisfir ta' l-agħsafar, ċarċir ta' l-ilma ħelu meta jaqbeż minn blata għal oħra, minn kollox kellu dak id-daqq tiegħu, iżda 'l kollox kien jisboq, u ħlewwa bħal dik ma ġarrab qatt, u qalbu sikret bil-hena. Inbagħad stħajlu li ma kienx waħdu: il-kwiekeb tas-sema bdew jiżfnu fil-għadira ta' quddiemu, l-imsiebaħ-il-lejl iduru ma' dwaru, is-siġar imejlu lejh il-friegħi tagħhom u ħass li kullħadd iħobbu, u hu jħobb 'il kulħadd.

F'qasir żmien xterdet l-aħbar mal-ħâra li Katald idoqq daqq tal-għaġeb fuq iż-żaqq tiegħu; u kull fil-għaxija wara li jsuq il-merħla d-dar, iż-żgħażagħ tar-raħal kienu jinġabru ma' dwaru, u huwa kien idoqqilhom fuq dik l-imbierka żaqq tiegħu; u huma joħlew bil-hena, u jħossu riġlejhom iridu jtiru, u kullħadd jibda jiżfen bil-ferħ u d-daqq jinżel f'qalbhom bħal għasel. U f'xi lejla sabiħa tas-sajf, in-nies tar-raħal laħqu għaddew lejl sħiħ fuq xi qiegħa mdawrin ma' Katald jitpaxxew b'dik il-ħlewwa ta' daqq.

B'hekk sar il-benjamin tar-raħal, kullħadd kien iġibu: ix-xebbiet iħobbuh, iż-żgħażagħ iżommuh b'ħabibhom, ix-xjuħ jidħkulu, u iż-żgħar jittajru għal warajh. It-tfajliet kienu jgħannulu:—

Dak Katald ta' għajnejh żoroq
Bid-daqq jassar 'ill-qlub tagħna.

u ż-żgħażagħ kienu jkomplu:—

Dak Katald ta' għajnejh żoroq
Kullimkien irriduh magħna.

* * *

F'dan il-baħar kien jinsab Kataldu meta l-1580 u l-1581 niżlu jżuruh. Bħal ma nafu, kien l-aħħar lejl ta' l-1580; Katald kien għadda biċċa minn dak il-lejl idoqq u jhenni 'l-ħbieb tiegħu, inbagħad inġabar jorqod; u s-snin sabuh fl-aħjar nagħsa, fommu daħkani, mkebbeb qalb it-tiben donnu ħaruf.

L-1580 messitu fuq rasu, u t-tifel beda joħlom: stħajlu qiegħed jirgħa n-ngħaġ tiegħu f'wied kollu ward u ħdura, idoqq il-għażiża ċirimella, bl-agħsafar igħannu u jittajru ma' dwaru; u tbissima dehret fuq fommu. Inbagħad messitu

l-1581, u raġa' beda joħlom: stħajlu liebes bil-kbir bħassindku tar-raħal, f'dar kbira u kollha tlellix, karrozzi kemm irid, u jgħum fil-ġid. Wiċċu bħal tqarras, stenbaħ; għorok għajnejh u qam bil-qiegħda. "Mhux li kelli dak il-ġid kollu", gerger waħdu. Iblaħ l'int x'għamilt b'idejk! Ħallejt ir-regħba tirkbek! Ġid ikollok, imma hena lê!

Malli qalbu xxenqet għal l-ġid, is-sena l-ġdida ħadet ħsiebu; imma s-sena l-qadima ma telqetux għal kollox, u wara lissnin ftiehmu li jerġgħu jiltaqgħu, biex jaraw min minnhom kellu raġun, daqq nofs il-lejl, 1580 tât tislima d-dinja u ttajret biex tistrieħ ma' sħabha ta' qbilha.

Nhar l-Istrina, Katald iddawwar ma stenbaħ u qam imċajpar u mitluq; bilkemm mar jati s-sena t-tajba lil Pawlu, u ħareġ jitlajja mar-raħal; saqajh ħaduh quddiem id-dar tas-sindku, u dam qatigħ quddiemha jixxennaq. Wara nofs inhar, sħabu ħajruh idoqq iż-żaqq u għalkemm iddaqq kien sabiħ u jsaħħrek, iżda donnu kien jonqsu xi ħaġa: ma kienx iġib il-hena fil-qlub.

Il-għada ħareġ jirgħa n-ngħaġ b'qalbu tqila, u jhewden fuq ġid u m'hux ġid, iż-żaqq ħadha miegħu, imma ma xoftejh ma messhiex; u dak inhar għamel ħaġa li qatt ma kien għamel f'għomru: ġie għasfur ipespes u jittajjar minn fergħa għal oħra fuq is-siġra li kien taħtha, Katald deherlu li dak il-għasfur qiegħed jinkih, qabad żrara u venvenhielu; il-għasfur waqa' mejjet, u Katald ħass tingiża f'qalbu.

Biex ma ntawlux, Katald ma baqâx dak li kien, tkabbar, qalbu xrafet u dejjem tokrob għall-ġid; id-daqq tiegħu sar ikrah u bla ħajr, ħbiebu telqugħ, u safa waħdu, Pawlu biss kien isabbru, imma ż-żagħżugħ kellu qalbu mogħmija wara l-ġid tad-dinja; u kollox sar idejqu. Darba ftacar fin-nagħġa ħabibtu, u qabad iż-żaqq u beda jonfoħ, inġabru xi erbgħa ma' dwaru; għal l-ewwel mar tajjeb, iżda nbagħad, fl-aħjar, fettillu jxebbah id-daqq tiegħu mal-ħsejjes talflus u ċċekċik taz-zekkini; kienet it-telfa tiegħu: ħarġu ħsejjes li tarrxu l-widnejh, kullħadd inqasam bid-daħk, Katald wiċċu waqa' fl-art....Qam b'saħħna, waddab iż-żaqq... u la kliem u la sliem, telaq għal għonq it-triq.

* * *

U mexa u mexa. Mar f'artijiet fejn ħadd ma kien mar qablu; fired għoljiet u niżel f'widien, wasal fejn art ittajjar in-nar, għadda mnejn l-ilma jibbies daqs il-ġebel, ra nies suwed faħam u mhumiex twal daqs ħatar ta' l-imgħallem ta' l-iskola, ra oħrajn ħomor nar, u mogħla ħawn. F'l-aħħar wasal f'art fejn l-ifqar tifel għandu libsa tal-ħarir u

x-xjuħ iqaxxru l-larinġ bi skieken tad-deheb. U waqaf hemm, beda jixtri u jbiegħ. Mar tajjeb: wara ftit xtara dar; wara ftit oħra, xtara xini, inbagħad tnejn; f'qasir żmien stagħna, u ġidu kien bla qies. Kullħadd iqimu, imma m'hux għax iħobbu, iżda għax irid xi ħaġa minnu. U l-ġid dieħel dejjem. Is-Sultan ried iżewġu 'l bintu, imma qalb Katald kienet mitbuqa għal l-imħabba; u fost dak il-għana kollu, kieku qatt kellu ħin mistrieħ! Imma x'kien fiha dik qalbu? Dejjem imdejqa; dejjem magħsura; u qatt tbissima ma dehret fuq fommu.

Is-snin reġgħu ltaqgħu.

"Tara, oħt, kif il-ġid ma jġibx hena?" qalet l-1580.

"Irbaħtli" wieġbet l-1581.

"Mela ħalli nieħu ħsieb Katald" tenniet is-sena l-qadima.

Minn dak inhar, qalb Katald reġgħet għalli kienet: stmerret il-ġid u xxenqet għal hena tal-ħdura u r-raba' fejn kollox safi, fejn kollox imħabba. Biegħ kull ma kellu; sal-ħwietem ta' subajh, qassam kollox lill-fqar, u toħroġ il-għaġeb kemm ħass ruħu ħafif! Xi ħlewwa ħass ma' qalbu! Raġa' sab ruħu fqir; iżda fqir u hieni, fqir u twajjeb, kif kien dari.

U raġa' telaq għal għonq it-triq, biex imur f'art tfulitu, ħabba ma kellux, imma minn kull fejn għadda, ma sabx ħlief ħlewwa u mħabba. Fl-aħħar ħassu għajjien, riġlejh ħallewh, u nxteħet jistrieħ fuq xifer ta' xmara. Ħass xi ħaġa ratba taħbat ma' riġlejh, u refagħha. Kienet iż-żaqq għażiża tiegħu, magħmula minn gild in-nagħġa ta' qalbu, iż-żaqq li kien rema qabel telaq biex sar għani. Xejn ma stagħġeb: ladarba qalbu reġgħet saret ta' tifel, kellu jarġa' jsib il-hena ta' tfulitu.

Nefaħ fiż-żaqq u beda jdoqq daqq tas-sema, inbagħad ħass qalbu mgħaxxqa bil-hena u l-ferħ, ħass ruħu ttir 'il fuq 'il fuq, deherlu għaddej minn qalb il-kwiekeb, inbagħad sab li kienu anġli ta' dawl li ma bħalu li bdew ibusuh u jifirħu bih u jiżfnu ma' dwaru.......

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Il-għada, xi raħħala sabu ġisem ta' mejjet fuq xifer ix-xmara.

+ + +

**Ġużè Galea**
217, Sda. Rjali
Ħal-Qormi

*It-tnejn l-oħra nġibuhom fil-ħarġa li ġejja.*